# 150 SENA KONSAGRAZZIONI.

**Kummentatur**:- *Is-sena fost l-avvenimenti marbutin mall-Parroċċa tagħna, aħna qegħdin infakkru l-150 sena minn meta il-Knisja tagħna Ilum Bażilka, ġiet kkonsagrata. Għandi miegħi lil Mons. Gużeppi Cauchi, biex flimkien nitkellmu minn din il-Konsagrazzjoni u elementi oħra marbutin magħha.*

***Mistoqsija***:- *Dun Gużepp, Għaliex Knisja tiġi kkonsagrata?*

Fil-lokalita' tagħna bħal f'kull lokalita' oħra fid-dinja, għandna ħafna djar uħud minnhom kbar u spazjużi, sbieħ, imma kullimkien fid-dinja kollha 'il fuq minn dawn id-djar, wieħed jilmaħ jiddominaw koppli u kampnari li jindikawlek li hemmhekk hemm xi dar differenti mid-djar l-oħra, hemm xi knisja. Id-differenza mid-djar komuni hi li f'dawn il-knejjes, tinżamm l-Ewkaristija u tiġi ċċelebrata il-liturgija.

Il-knisja hija l-post fejn il-Komunita' tiltaqa’ biex tiċċelebra l-Ewkaristija, u għalhekk il-Knisja hija post qaddis u sagru; Meta wieħed ikun dieħel fil-Biżilka tagħna mill-Bieb il-Kbir, fuq iż-żewġ bibien laterali tal-Portiku jilmaħ żewġ sentenzi qosra bil-Latin li jgħidu:- "**Domus Dei**" u "**Porta Coeli**" **Dar ta' Alla** u **Bieb tas-Sema**. Minn hawn kull Knisja tieħu xejra u dehra importanti minn kull dar oħra fil-Lokalita'.

Meta naqraw l-Istorja tal-Knisja, nintebħu li minn żmien Ewsebju ta' Cesaria (Seklu IV) sal-Papa Virġilju (Seklu VI) jidher li l-Knejjes fejn kienu jinġabru l-Insara għall-qima, kienu jiġu kkonsagrati lil Alla. Barra dan, naqraw ukoll li kull Knisja li f'dawk iż-żminijiet kienet iġġib it-Titlu ta' Bażilka, riedet bilfors tkun ikkonsagrata, u li rit tal-Konsagrazzjoni kellu jinkludi fih iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

Dan ir-rit li iktar tard daħal fir-Rubriki tal-Ordo għad-Dedikazzjoni tal-Knejjes, insibuh ukoll fil-Pontifikal Ruman tas-sena 1962, fejn jissemmew mhux il-Bażilċi biss, imma saħansitra l-0ratorji. Il-kelma Oratorju ġejja mill-kelma Latina "Orare" titlob. Dan kollu jurina li kull post fejn l-insara jinġabru għat-talb,huwa post qaddis li jeħtieġlu jkun kkonsagrat l'Alla.

**Mistoqsija.-** *Semmeit il-Konsagrazzioni tal-Kneiies u Oratorii. iingħad ukoll li barra l-Konsagrazzioni tal-Kneiies, hemm u ssir ukoll il-Konsagrazzioni tal-Artali.*

Minn hawn mela, il-Knisja u l-Artal li għandhom rabta l-iktar intima mall-Ewkaristija, isiru postijiet sagri u qaddisa. L-ideja Bibblika (Dak kollu li għandu relazzjoni mill-qrib ma# Allla, isir qaddis). Fil-Ġenesi, meta Alla deher lil Mose' fid-deżert, qallu jinża l-qorq minn riġlejh, "*għax dan hu post qaddis*". Mhux biss, imma kif inkomplu naqraw fit-Testament il-Qadim, kull fejn deher Jahwe', (Alla) l-Patrijarki waqqfu Artal biex juru l-qima tagħhom lejn Alla.

Stu. Wistin, f'waħda mill-Omeliji Tiegħu tad-Dedikazzjoni tal-Knisja, jitkellem mill-esperjenza li l-fidili jagħmlu mill-qima ta' dik imsejħa "***Domus Orationis***", fejn jgħid:- "*Meta intom tibnu l-knejjes tagħkom, bl-għajnuna t'Alla, dan tagħmluh għall-vantaġġ tagħkom; Il-Knisja hi d-dar fejn intom tinżabru flimkien bħala familja waħda għat-talb, tieħdu sehem mill-Ewkaristija Mqaddsa, u tfaħħru bil-kant tagħkom lill-Mulej, waqt li tgħollu t-talb tagħkom 'il fuq minn fejn tiġikom kull għajnuna u grazzja*"

Dak li jgħid Stu. Wistin, jitkellmu minnu l-Konċilju Vatikan II. "**Id-Dar Tat-Talb**", fejn fiha tiġi ċċelebrata u mħarsa l-Ewkaristija, fejn jinġabru l-insara u fejn hemm regolarment il-preżenza tal-lben ta' Alla u Salvatur tad-Dinja, li offra Lilu nnifsu fuq is-salib, liema tifkira hi vvenerata b'konsolazzjoni tal-Fidili. U jirrakkomanda biex "*Il-Knisja tkun dak l-ispazju li għandu jinżamm tajjeb u addattat għat-talb u il-funzjonijiet sagri*". (DMVS 5 )

**Mistoqsija.** *Father, Fiex tikkonsisti l-Konsagrazzjoni ta' Knisja jew Oratorju?*

Ir-Rit tad-Dedikazzjoni tal-Knejjes ġie notevolment simplifikat (imnaqqas) fis-sena 1961, imma ċ-Ċelebrazzjoni baqgħet wieħed mir-Riti l-iktar impenjattivi, kemm fl-iżvolġiment ritwali, kif ukoll għas-sehem tal-fidili. Ir-rit jitlob prerparazzjoni sewwa tal-oġġetti wżati, il-kant flimkien ma' preparazzjoni remota tal-fidili, biex ikunu jistgħu jieħdu sehem l-aktar attiv waqt li jifhmu wkoll x'ikun qiegħed isir.

Il-Konsagrazzjoni kienet tibda u hekk naħseb li għadu jsir, bi vġili ta' talb u penitenza. Xi rubriki kienu jitolbu sawma mill-Isqof Konsagranti, mill-Kleru u saħansitra mill-Komunita' Parrokkjali.

Kif diga' għidt ftit ilu, f'kull Artal ikkonsagrat, wieħed jara f'nofs il-mensola tiegħu, daqsxejn ta' qabar żgħir li fih hemm xi relikwi tal-Qaddisin, Dwar dawn ir-Relikwi Iva, barra l-Konsagrazzjoni ta' Knisja jew Oratorju, hemm ukoll il-Konsagrazzjoni ta' Artali. Bla ebda dubju. Jekk Knisja għax fiha jsir it-talb tiġi kkonsagrata, kemm iżjed Artal li fuqu jiġi ċċelebrat is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa!

Fil-Bażilka tagħna, barra l-Artal Maggur li ġie kkonsagrat flimkien mall-Knisja, għandna mhux inqas minn ħdax-l Artal ieħor li huma kollha kkonsagrati. Meta ġiet ikkonsagrata l-Knisja tagħna, ġie wkoll ikkonsagrat l-ArtaI Maggur li Ilum m'għadux fil-Bażilka, imma dan inqala', meta sar il-progett tal-ArtaI mejda li hemm illum. Partijiet minn dak l-Artal jinsabu fl-Artal li hemm f'waħda mis-Sagristiji, waqt li parti oħra, tagħmel parti mill-Artal li hemm fil-Kappella taċ-ċimiterju ta' Kenuna.

Dan l-Artal sar bl-inizjattiva u a spejjeż ta' ċertu Andre Xwereb, benestant Naduri. Artal li kien qam is-somma ta' 1700 skud u li sar qrib is-sena 1845. Dan l-Artal kien ikkonsagrat flimkien mal-Knisja. Iktar tard saru l-artali l-oħra kollha. Aħna fil-Biżilka tagħna, għandna mhux inqas minn ħdax-l Artal ieħor, li huma kollha kkonsagrati. Dawk tan-naħa ta' nofs in-nhar kienu kkonsagrati mill-lsqof Mikiel Gonzi fis-27 ta' Merjju 1926, fi żmien l-Arċipriet Toninu, waqt li dawk tan-naħa l-oħra, (in-naħa tat-Tramuntana) ġew kkonsagrati mill-istess Isqof Gonzi fid-19 ta' Frar 1928 fi ġmien l-Arċipriet Cassar. Sintendi, l-artal maġġur tal-lum, kien kkonsagrat mill-lsqof Nikol Cauchi, f'konċelebrazzjoni ta' mhux inqas minn 30 Membri tal-Kapitlu u l-kLeru Naduri fil-bidu tal-Festa Titulari tas-sena 1975 fi żmien l-Arċipriet Mikiel Portelli.

**Mistoqsija.** *Tista' issa tgħidilna xi ħaga dwar il-Konsagrazzjoni ta' Knisja jew Oratorju?*

Kif diġa' għedt, meta jiġu kkonsagrati Knisja jew Oratorju, magħhom jiġi kkonsagrat ukoll l-Artal Maġġur. Fil-Konsagrazzjoni tal-Artal, għalkemm illum m'għadux obbligu,fost l-oħrajn jitpoggew fih, ġo daqsxejn ta' qabar ċkejken ħafna, xi relikwi tal-Qaddisin Martri, ħaga li ma kienitx minn dejjem. Din il-ħaġa kellha bidu fil-Katakombi ta' Ruma, meta l-ewlenin Insara, kienu jmorru hemmhekk, jiċċelebraw l-Ewkaristija fuq l-oqbra tal-Martri. Dan il-gest qaddis sar obbligatorju, biex il-knisja tgħaqqad is-sagrifitġju ta' Kristu, ir-ras tal-ġisem Mistiku, mall-membri li anke huma bħala vittim, jipparteċipaw mir-rebħa

glorjuża Tiegħu. li hemm fl-Artal Maġġuri tal-Bażilka tagħna nsemmi iżjed 'il quddiem. Fil-jum ta' qabel ma ssir il-Konsagrazzjoni, dawn ir-Relikwi jitpoġġew f'xi knisja qrib, jew f'imkien ieħor fl-istess Knisja għad-devozzjoni tal-Komunita' Parrokkjali, liema velja ta' talb kienet tibda fil-jum ta' qabel u tkompli sejra matul il-lejl kollu. Għal din il-qima, kienet tiġi mistiedna l-Komunita' kollha. Kien jingħad l-uffizzju tal-Martri u Ċelebrazzjoni tal-Kelma.

Imbagħad f'jum il-Konsagrazzjoni, iċ-ċelebrazzjoni kienet tibda billi l-lsqof konsagranti flimkien mall-Kleru jersqu proċessjonalment lejn il-knisja waqt li titkanta Litanija tal-Qaddissin kollha. Titbierek il-Knisja minn barra, u minn ġewwa flimkien mal-Artal Maġġur.

L-lsqof assistit minn żewg konċelebranti, imur jidlek dawk it-tnax-il Salib tal-irħam biż-żejt tal-Griżma, wara jmur jidlek ukoll l-għatiebi tal-bibien kollha tal-Knisja. Funzjoni oħra li kienet issir, illum m'għadiex, kienet tikkonsisti filli jiġi ffurmat salib bir-ramel fl-art tul il-Knisja kollha, u l-lsqof bil-Baklu Tiegħu, kien jikteb tulu kollu, l-Alfabet. Din il-funzjoni niftakar li saret l-aħħar darba, kien fil-Kappella taċ-ċimiterju tal-Parroċċa taż-Żebbug, aħna konna Seminaristi u ħadna sehem fiha.

Wara din il-funzjoni, kienet issir il-Konsagrazzjoni tal-Artal Maggur, billi l-lsqof kien ikompli jidlek biż-żejt lmqaddes tal-Griżma, kemm il-mensola, kif ukoll il-ġnub tal-Artal. Jekk wieħed jikxef id-dvalji bojod ta' xi Artal, jista' jara fin-nofs tiegħu u fl-erba' kantunieri slaleb imħaffrin, li fuqhom kienu jinxtgħelu kandeletti li jkunu wkoll magħmulin f' forma ta' salib. Fl-aħħar, l-lsqof jiffirma parċmina żgħira u jpoġġiha flimkien mar-Relekwi f'dak il-qabar ċkejken li semmejt u jissiġillah. Titnaddaf il-Mensola tal-artal miż-żejt u l-irmied ta' dawk il-kandeletti u jitlibbes bit-trieħi u tiġi ċċelebrata l-ewwel quddiesa fuqu, Quddiesa li l-0rdo Ruman jagħtiha mportanza kbira, tant li jitlob lill-lsqof li jistieden għaliha lill-Komunita kollha tal-post.

**Mistoqsija.** *Meta u min kien l-lsqof li kkonsagra ll-Knisja u l-ewwel Artal tal-Bażilka tagħna u x' Relikwi tpoġġew fih f'Jum il-Konsagrazzjoni?*

Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja flimkien mall-ewwel Artal saret preċiżament 150 sena ilu, propju fit-12 ta' Mejju 1867 u saret mill-Amministratur Apostoliku Pawlu Micallef, li kien Patri Agostinjan u li kellu t-titlu ta' Isqof ta' Citta' di Castello fl-Italja. Mons. Micallef kien suċċessur tal-ewwel Isqof tad-Djoċesi,

Mons. Mikiel Buttigieg li tgħammed ukoll f' din il-Knisja. Ta' min isemmi wkoll li l-Kappillan tan-Nadur kien Giovanni Battista Grech, u l-Konsagrazzjoni tal-Knisja flimkien mal-Artal kienet l-ewwel waħda mindu Għawdex sar Djoċesi għalih.

Meta fis-snin sittin inqala' dak l-Artal biex floku jitpoġġa dak li għandna llum, tneħħew ukoll minnu r-Relikwi imsemmija. Meta nfetħet il-kaxxa tal-fidda li fiha kien hemm ir-Relikwi, Instabet ukoll il-parċmina li fiha jissemmew l-ismijiet tal-Qaddisin li tagħhom tpoġġew f'dak l-Artal ir-Relikwi tagħhom, u li kienu l-Martri San Awrelju, San Valentinu, Santa Fortunata u Santa Kolomba. Fl-istess Parċmina,hemm imniżżel ukoll li Mons. Isqof Pawlu Micallef ta' Indulgenza ta'40 jum lil kull min jinvista l-Knisja f'Jum il-Konsagrazzjoni tagħha.

Fis-Sagrestija tal-Bażilka hemm Kwadru impitter ta' Angelu Camilleri, imlaqqam "***Il-Lanġent***" l-Benefattur li ħallas l-ispejjes kollha marbutin mall-Konsagrazzjoni tal-Knisja u l-Artal fis-sena 1867. Dan il-Benefattur ħallas ukoll is-Slaleb tal-Konsagrazzjoni li għadna sal-lum naraw imwaħħlin mall-ħitan tal-Knisja.

Ta' min jgħid li dawn is-slaleb darba kienu mwaħħlin mall-Pilastri tal-Korsija u Presbiterju, imma meta sar l-irħam, dawn kellhom jinqalgħu l-ewwel dawk tan-naħa ta' nofs in-nhar u twaħħlu fejn huma llum, u wara dawk tan-naħa tat-tramuntan u l-istess tpoġġew f'posthom. Ma nqalgħux kollha f'daqqa, imma b'dak il-mod, għaliex fil-każ kien ikollha terġa' tiġi kkonsagrata mill-Ġdid l-Bażilka. Fl-Uffittju Parrokkjali hemm ukoll Legat imsejjaħ Camilleri, li kien waqqaf dan il-Benefattur, biex mid-dħul tiegħu, kull sena kienu jitħallsu l-ispejjeż tal-festa tal-Konsagrazzjoni u xi sparar li kien isir dak in-nhar.

Il-Festa tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja hija dejjem iċċelebrata bħala solenita', festa li għandha valur u importanza ikbar minn kull festa oħra ċċelebrata fl-istess Knisja. Is-Sacerdoti kollha tal-Lokal huma obbligati jgħidu l-Uffizzju tas-Solennita', waqt li fil-Quddiesa, jirreċitaw kemm il-glorja kif ukoll il-Kredu. Fil-funzjonijiet prinċipali tal-Jum, ċioe' l-Quddies Konventwali u fl-għosrien ta' lejlet u nhar il-Festa, jiġu nċensati t-tnax-il salib imsemmijin.

Tant hija Solennita' kbira l-Konsagrazzjoni, li meta jaħbat l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Biżilka tal-Lateran li hija l-Katidral tal-Papa f' Ruma, u l-Bażilki Patrijarkali l-oħra, kif ukoll tal-Katidral tad-Djoġesi, dawn jinżammu bħala solennita' obligatorja għal kulħadd.

Dan kollu jurina kemm meta nidħlu €dawn il-postijiet qaddisa, għandna nidħlu b'ċerta devozzjoni, inġibu rispett u qima u nħossu tassew l-preżenza t'Alla. Niftakru x'għamel Kristu meta daħal fit-Tempju ta' Gerusalem u ra dik il-profanzzjoni kollha, sawwat u keċċa 'il barra mit-Tempju lil kulħadd u qalilhom:"*Għax dari għamiltuha dar tal-ħalllin.*" Dan jurina wkoll kemm l-antenati tagħna kellhom qima u mħabba lejn din id-dar singulari tal-Lokal, li għalkemm ma kellhomx kumdita',imma kkontribwew u tħabtu biex bnew, sebħu u għaddewlna Knisja hekk sabiħa, li meta tidħol fiha, trid u ma tridx, tnissillek devozzjoni u qima lejn Alla l-Ħallieq.

***Mons. Gużeppi Cauchi***
April 2017